Minuti tal-11 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Gimgha 8 ta' Novembru, 2013. Il-laqgha inzammet b'urgenza u nbdiet hin 3.20pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli Depasquale |

## 1. Memo 26/2013 – Hatra ta' Ambaxxatur Lokali

1.1 Is-Sindku ghamel referenza ghall-Memo 26/2013 fejn il-Kunsill gie mitlub isejjah laqgha b'urgenza sabiex jinhatar Ambaxxatur lokali. Is-Sindku spjega li dan l-ambaxxatur ser ikun qieghed jirraprezenta z-zghazagh tal-lokalita'. Is-Sindku issuggerixxa lil Pierre Camenzuli zghazugh mill-Gharb li huwa mahbub minn zghazagh ohra sabiex jinhatar bhala ambaxxatur. Huwa talab ukoll sabiex min mill-Kunsilliera jixtieq jista' jaghti s-suggeriment tieghu. Emanuel Muscat issuggerixxa lil Francesca Camilleri tifa ta' Paul Camilleri ta' Triq Sdieri pero' gie innotat li din mhix elegibbli ghaliex ghad m'ghandiex 16 'il sena. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament mall-hatra ta' Pierre Camenzuli bhala Ambaxxatur lokali ghal-lokalita' ta' l-Gharb.

## 2. Memo 25/2013 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet

1.2 Is-Sindku ghamel referenza ghall-Memo 25/2013 dwar Skema ta' inizjattivi ta' Attivitajiet fejn ta' kull sena l-Kunsill japplika sabiex ikun jista' jitella' l-festival ta' Seher il-Punent. Is-Sindku spjega li din is-sena l-linji gwida huma kemmxejn differenti mis-snin precedent. Is-Sindku issuggerixxa li ghandhom jigu mistiedna l-ghaqdiet tal-lokalita' fejn jintbghat membru minn kull ghaqda u flimkien jigu diskussi l-proposti l-godda. Il-Kunsill qabel li ghandha tissejjah din il-laqgha.

## 3. Laqgha ma' l-Onorevoli Stefan Buontempo

3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kif kienu gew infurmati permezz ta' l-email il-laqgha li kellha ssir ma' l-Onorevoli Stefan Buontempo giet posposta u data ghada ma gietx stabilita'.

## 4. Materji ohra

4.1 Is-Sindku spjega li hu ser jitla' gewwa Enna Sqallija minhabba l-progett tal-Youths li ghalih il-Kunsill huwa wiehed mill-partners. Huwa isuggerixxa li kif din la darba issa qed jinhatar ambaxxatur ghan-nom taz-zghazagh, dan ghandu ikun attiv fuq dan il-progett u ghalhekk ghandu jitla' ghal din l-imsemmija laqgha. Il-Kunsill qabel ma' dan issuggeriment.

4.2 Is-Sindku informa lil-Kunsill li nhar it-Tnejn 11 ta' Novembru, 2013 kien ser jghalqu l-offerti tal-Provista u Xoghol ta' Patching, Provista u Installazzjoni ta' CCTV Cameras u Kostruzzjoni ta' Jogging Track. Fir-rigward tal-board ta' evalwazzjoni ghall-offerta' tal-Kostruzzjoni ta' Jogging Track, il-Kunsill qabel li ghandu jinhatar il-board li kien qed iservi s'issa kompost minn Dr. Joshua Grech, Dr. Josette Spiteri Cauchi u Paul Zahra. Emanuel Muscat staqsa dwar il-possibilita' li membru mill-board ikun resident mil-lokalita'. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandu jsir avviz meta ikun hawn it-tenders sabiex min jixtieq ikun jista' jinforma lill-Kunsill u jigi notifikat meta ikun ser jiltaqa' l-board pero' dan ikun biss osservatur u mhux membru li jiehu vot ghar-raguni li l-board ikun kompost minn persuni teknici.

4.3 Il-Vici Sindku Louis Apap staqsa kienx hemm risposta dwar r-*road humps* approvati ta' Triq Felic Grech. Is-Sindku informa li l-Kunsill kien talab lit-Transport Malta sabiex jindikaw liema *road hump* giet approvata u mir-risposta li inghata l-Kunsill ma kienx hemm indikazzjoni cara liema wahda hi u ghalhekk il-Kunsill kien rega' bghat email sabiex din tigi indikata sewwa.

4.4 Il-Vici Sindku Louis Apap issuggerixxa sabiex fil-bidu ta' Triq il-Knisja fil-parti d-dejqa jsiru sleeping policeman minhabba sewqan eccessiv. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lit-Transport Malta f'dan ir-rigward.

4.5 Emanuel Muscat semma li f'Malta kienu gew installati speed limit signs li jekk wiehed jaqbez il-limitu dawn jixghelu dawl biex javzawk. Il-Kunsill qabel li ghandu jintalab lit-Transport Malta iktar informazzjoni dwarhom u minn fejn jigu akkwistati.

4.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien wasal ilment minghand is-Sur Nazzareno Xuereb dwar problema ta' ilma li qed jidhol id-dar tieghu mit-triq. Huwa zied jghid li l-Perit tal-Kunsill dahal fuq il-post biex jevalwa din is-sitwazzjoni u gie innotat li dan ir-resident qaxxar ezatt mall-blat u ma beniex hajt u ghal din ir-raguni giet ikkagunata din il-problema. Il-Perit issuggerixxa sabiex tinqala' l-bankina isir plastic u terga' tinghalaq il-bankina. Ghal dan il-ghan is-Sindku spjega li qed tintalab stima sabiex isir dan ix-xoghol.

4.7 Is-Sindku informa lil Kunsill li issa Triq ta' Sdieri tlestiet u inghatala it-tieni wicc tat-tarmak. Huwa spjega li kien gie inkarigat Michael Refalo sabiex isir flushing minhabba problema li inholqot u fl-istess waqt dan ser ikun qieghed jaghmel flushing tal-gandott l-iehor ta' Triq il-Knisja ma genb il-kazin tal-Banda.

4.8 Is-Sindku spjega li l-Arcipriet kien talab li jsir bollards quddiem iz-zuntier sabiex ma jidhlux bil-vetturi fuq iz-zuntier. Gie suggerit ukoll sabiex isiru bollards ukoll quddiem il-monument tal-Isqof M. Molina sabiex ma

jipparkjawx f'din iz-zona minhabba li l-Arriva ma' tkunx tista' tghaddi. Il-Kunsill qabel li ghandhom ssiru talbiet lil Transport Malta ghal dawn il-bollards.

4.9 Is-Sindku spjega li l-flaps li hemm madwar ir-roundabout tal-Pjazza intlaqtu kemm il darba u m'ghandhomx f'kundizzjoni tajba u huwa ghalhekk li jridu jsiru bollards li jkunu jinqalghu. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet ghal dawn il-barriers.

4.10 Carmen Vella staqsiet dwar il-bye laws tal-qsari. Is-Sindku spjega li l-avukat qieghed jahdem fuqha.

4.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni qeghda titlob sabiex tarma fiera nhar il-Hadd 17 ta' Novembru fi Triq il-Vizitazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinhargu l-permessi mehtiega u li lest jaghti l-ghajnuna fejn mehtieg.

4.12 Is-Sindku informa ukoll li l-Gozo Adventures qeghdin jorganizzaw attivita' fil-weekend 15 - 17 ta' Novembru, meta l-vapur qieghed b'xejn gewwa Wied il-Mielah. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinghataw l-permessi mehtiega u li lest jaghti l-ghajnuna fejn mehtieg.

## 5.0 Aggornament

5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-laqgha li giet deciza li ssir nhar il-Hamis 14 ta' Novembru mhux ser tkun possibli li ssir minhabba li kif gie spjegat qabel hu ser ikun imsiefer Enna. Il-Kunsill qabel ghalhekk li l-laqgha tigi posposta ghat-Tnejn 18 ta' Novembru, 2013.

5.2 Il-laqgha spiccat fl-3.45pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv